SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 03/K8/15**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 09/06/'15 325**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 09/06/'15 380**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14 20**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju 2015.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Karl Gouder |
| Il-Viċi-Sindku | Guido Dalli |
| Il-Kunsillier | Martin Sultana |
| Il-Kunsillier | Dott. Albert Buttigieg |
| Il-Kunsillier | John Agius |
| Il-Kunsillier | Adrian Dominic Ellul |
| Il-Kunsilliera | Rita Dimech Portelli |
| Il-Kunsillier | Clayton Luke Mula |
| Il-Kunsillier | Clayton Tanti Gregoracy |
| Is-Segretarju | Eżekuttiv Helen Walker |
| L-iskrivana | Cher Carmen Fenech. |

1.04 Skużati:- (0)

1.05 Assenti:- (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (2)

1.07 Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-3 ta' Ġunju 2015. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Management Letter
3. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv
4. Tender:- Mini Van
5. Aġġornament tal-laqgħa

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 02/K8/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Iċ-Ċerman Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 09/KA2/15 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

## *2 Management Letter*

2.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bil-*Management Letter* u bir-risposta li ġiet ippreparata (Ara Appendiċi 'B').

2.02 Ir-risposta għall-Management Letter ġiet spjegata fid-dettal u wara diskussjoni qasira l-Viċi-Sindku ppropona l-approvazzjoni għar-risposta għall-*Management Letter.*

2.03 Il-Kunsillier Martin Sultana ssekondah.

2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Paul Spiteri ġab l-ogħla marka waqt l-interviews u għalhekk il-Bord għażlu biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv.

3.02 Iċ-Ċermen għamel riferenza għall-Minuti 02/K8/15 taqsima 7 para. 7.08 – 7.09 u għarraf lill-Kunsill li min-naha tad-Dipartiment għall-Gvern para. 7.09 (a) li tgħid :- *L-għażla tal-Bord tkun meqjusa bħala d-deċiżjoni finali tal-Kunsill* mhiex bizzejjed biex jirreferu ir-rakkomandazzjoni lill-Ministru peress li ma hemmx l-isem tal-persuna li ntgħażlet. Għalhekk ippropona li s-Sur Paul Spiteri jinħatar Segretarju Eżekuttiv.

3.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Offerti:- *Mini-Van***

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bix-schedule ta' l-offerti (Ara Appendiċi 'Ċ').

4.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-offerta ta' Zarb Coaches ġie skwalifikata peress li ma sottomettiex il-Bid-Bond.

4.03 Iċ-Ċermen ippropona li tintgħażel l-offerta' ta' l-A.L.M. Coaches.

4.04 Il-Kunsillier Albert Buttigieg issekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Il-Kunsill qabel unanimament li l-hinijiet tas-serviżż ikun fid-9.30p.m u fl 10.30p.m.

**5. Aġġornament tal-Laqgħa**

5.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa tigi aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju fis-2 p.m.

5.02 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 21 ta' Ġunju 2015 ser isiru żewġ attivitajiet waħda għad-diabetees testing, u quddiesa ta' ringrazzjament tal-bidu ta' dan il-Kunsill.

5.03 Il-laqgħa ntemmet fit-2.40 p.m.

| | |
|---|---|
| **Karl Gouder** | **Helen Walker** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**To check with elc jekk hemmx xi skip min naha taghhom fi Triq ta‘ Giorni. Filkas najdulu li l-Kunsill irid jnehhija.**